A.L. 549 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 5 (b) (v) tal-Istatut għal-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science – M.Sc.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għall-Iżvilupp Sostenibbli; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2010 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Oqsma ta' Studju

3. Il-Kors ikun offrut fi kwalunkwe qasam ta' studju li jaqa' taħt ir-responsabbiltà akkademika tal-Bord, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu f'dixxiplina relatata mal-Iżvilupp Sostenibbli jew f'qasam ta' studju ieħor li l-Bord iqis xieraq, miksub fl-aħħar għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors.

(2) L-applikanti jistgħu jintalbu juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-kapaċitajiet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta permezz ta' intervista estiża u s-sottomissjoni ta' dokumentazzjoni xierqa, sakemm li fejn xi nuqqasijiet jiġu identifikati, l-applikanti jkunu meħtieġa jieħdu taqsimiet studju speċifiċi biex jikkumpensaw għal dan in-nuqqas.

(3) L-applikanti li jkunu kisbu l-ewwel grad tagħhom aktar minn għaxar snin qabel ir-reġistrazzjoni għall-Kors jistgħu jidħlu wkoll sakemm li jagħtu prova suffiċjenti tal-kompetenza tagħhom biex isegwu l-Kors bi profitt. Il-Bord jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jitlob lil dawn l-applikanti biex isegwu programm preparatorju kif speċifikat fl-ordinament 5.

Il-Programm Preparatorju

5. (1) Il-programm preparatorju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati mhux anqas minn 30 krettu u mhux aktar minn 60 krettu.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jtemmu b'suċċess il-programm preparatorju ta' studju b'marka medja ta' 55% jew aħjar, qabel ma jirreġistraw għall-Kors.

(3) Il-programmi preparatorji ta' studju huma suġġetti wkoll għar-Regolamenti Prinċipali.

It-Tul tal-Kors

6. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

7. Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 90 krettu., li minnhom 10 kretti huma assenjati għal taqsimiet studju mgħallma u 80 krettu huma assenjati għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

8. Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

9. Il-valutazzjoni tat-taqsimiet studju mgħallma għandhom ikunu kompluti sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsimiet studju.

Id-Dissertazzjoni

10. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 45,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni jista' jsir fi kwalunkwe żmien matul il-Kors wara l-approvazzjoni tal-proposta tar-riċerka. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord fiż-żmien tal-applikazzjoni.

11. (1) Il-Bord għandu jaħtar Panil ta' Superviżjoni għal kull student, li normalment ikun magħmul minn tliet membri kif ġej: Id-Direttur tal-Istitut bħala *Chairman*, jew id-delegat/a tiegħu, u żewġ membri oħra, li wieħed minnhom ikun is-superviżur tar-riċerka, sakemm li meta d-Direttur tal-Istitut ikun is-superviżur, dan ma jkunx jista' jmexxi l-Panil.

(2) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu jsegwi, kif jidhirlu xieraq, il-progress tal-istudenti matul il-Kors, sakemm li dawn jiltaqgħu mill-inqas darbtejn fis-sena biex jirrevedu l-progress.

(3) L-istudenti huma meħtieġa jirrappurtaw għand is-superviżuri tagħhom għall-anqas darba kull xahrejn, u barra minn hekk kull meta s-superviżur iħoss li hemm bżonn.

(4) Is-superviżuri jkunu meħtieġa jibgħatu lill-Panil ta' Superviżjoni rapporti dwar l-istudenti taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji. L-istudenti għandhom jitolbu l-approvazzjoni tal-Panil ta' Superviżjoni għal kwalunkwe tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni. Id-dissertazzjoni normalment ma tkunx tista' tiġi sottomessa għall-eżami jekk is-Superviżur ma jkunx infurmat.

(5) Il-Panil ta' Superviżjoni għandu perjodikament jinforma lill-Bord, bil-miktub, dwar il-livell ġenerali milħuq minn kull student. Dawn il-pariri jistgħu jinkludu rakkomandazzjonijiet li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

12. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-komponenti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

13. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.